**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 128/2025**

**PW**

**(l-Ilmentatur)**

**vs**

**APS Bank p.l.c. (C 2192)**

**(Fornitur tas-Servizz jew Bank jew APS)**

**Seduta tal-21 ta' Novembru 2025**

**L-Arbitru**

Ra l-ilment[1] imressaq mill-Ilmentatur fid-19 ta' Ġunju 2025.

**<u>L-Ilment</u>**

L-Ilmentatur ressaq ilment bin-numru 249/2024 li ma wasalx sa l-istadju ta' deċiżjoni mill-Arbitru għax ġie konvint biex jirtirah. Iżda reġa' ħasibha u qiegħed mill-ġdid iressaq l-ilment kontra APS prinċipalment minħabba li dawn kisru d-drittijiet tiegħu ta' *data protection* meta avviċinaw, bla permess tiegħu, lil zijuh biex jirrapportawh li kien waqa' lura fil-pagamenti tas-self li kellu mal-Bank.

Huwa qal li l-każ irrapportah lill-Uffiċċju tad-*Data Protection Commissioner* (IDPC) imma l-ilment ġie miċħud mingħajr investigazzjoni sodisfaċenti jew risposta.[2]

Għalhekk kien qed jitlob lill-Arbitru biex huwa jagħmel l-investigazzjonijiet meħtieġa dwar l-imġiba tal-APS u jesiġi apoloġija formali u ħlas għad-danni li sofra minħabba kif ittrattawh, bla konsiderazzjoni li kien tilef l-impjieg minħabba mard.

[1] Paġni (p.) 1 – 10 u dokumenti annessi 11 - 24
[2] P. 3

**Risposta tal-Fornitur tas-Servizz[3]**

Ra r-risposta tal-Fornitur tas-Servizz datata 29 Lulju 2025, fejn ġiet ikkontestata l-kompetenza tal-Arbitru li jisma' u jiġġudika dan il-każ peress li l-Ilmentatur kien diġà ressaq l-ilment quddiem IDPC u, skont Artiklu 21(2) ta' KAP 555 tal-Liġijiet ta' Malta, li tirregola l-ħidma tal-OAFS, l-Arbitru għandu jirrifjuta li jisma' każ li diġà ġie referut u deċiż minn xi entità oħra ta' ADR.

Saħqu wkoll li l-Arbitru mhux l-awtorità kompetenti biex jiġġudika ilmenti dwar ksur ta' drittijiet relatati ma *data protection*.

**Seduta 13 ta' Novembru 2024**

Sema' x-xhieda mressqa mill-Ilmentatur li qal:

***'I would like to have a formal apology from Mr Cassar and, if possible a compensation as well for the lot of trouble caused.***

***Basically, what happened is that I had two heart attacks. I was in hospital. I am a registered disabled person.***

***I ended up in a situation where I was terminated during probation when I had the heart attacks and was recovering in hospital. I admit that at the time, I had financial issues. I am not going to deny that.***

***I have communicated with them multiple times. I told them that I had no income at the moment.***

***I say that Mr Cassar had contacted my uncle; he disclosed my financial troubles with the bank. He gave a headache to my uncle who had to come to my house and caused issues with my mother and father.***

***I say that the accusation is related to Data Protection.***

***And for that, I am requesting an apology and compensation.'[4]***

L-Arbitru spjega li kien ser jeżamina l-argument ta' nuqqas ta' kompetenza mressaq mill-Bank u jagħti deċiżjoni dwar dan qabel ma jisma' l-merti tal-każ.

---

[3] P. 31 - 34
[4] P. 35 - 36

**Deċiżjoni**

L-Arbitru huwa obbligat jiddeċiedi b'ekwità, raġonevolezza u ġustizzja skont kif stipulat f'Artiklu 19(3)(b) ta' KAP 555.

L-Arbitru jħoss li, indipendentement minn jekk IDPC hijiex entità ADR, għall-fini ta' artiklu 21(2) ta' KAP 555, l-Arbitru u l-OAFS żgur mhumiex l-entità kompetenti biex jisma' u jiġġudika ilmenti dwar *data protection*. Din il-kompetenza hija vestita fl-IDPC[5] skont KAP 586 ta' 2018.[6]

Dan il-każ diġà ġie eżaminat u deċiż mill-IDPC, u l-Arbitru ma għandux kompetenza biex jemenda jew iżid mad-deċiżjoni tal-entità kompetenti.

Għalhekk, l-ilment qed jiġi miċħud.

In viżta taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u b'rispett lejn il-problema ta' mard indikati mill-Ilmentatur, l-Arbitru jordna li kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha f'dan il-każ.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Arbitru**

*Dritt ta' Appell*

Id-Deċiżjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, salv id-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), magħmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni jew, fil-każ li ssir talba għal kjarifika jew korrezzjoni tad-Deċiżjoni skont l-artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taħt l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba għal kjarifika tal-kumpens jew talba għall-korrezzjoni ta' xi żbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew żbalji tipografiċi jew żbalji simili mitluba skont l-

[5] Our Office - IDPC https://idpc.org.mt/our-office/
[6] https://idpc.org.mt/wp-content/uploads/2020/07/CAP-586.pdf

artikolu 26(4) tal-Att, għandhom isiru lill-Arbitru, b'notifika lill-parti l-oħra, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata min-notifika tad-Deċiżjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, id-Deċiżjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont l-artikolu 11(1)(f) tal-Att.